17 ta' Marzu 2022
25/2022

# KAMPANJA TA' ELEZZJONI ĠENERALI FID-DELL TA' GWERRA FL-EWROPA

STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

Il-kampanja, li se twassal għall-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, qed issir waqt li għaddejja l-invażjoni tal-Ukrajna min-naħa tar-Russja. Din hi traġedja għall-Ukrajna, għall-Ewropa u għad-dinja kollha. Din il-gwerra mhi xejn għajr ġennata u attakk dirett fuq dak kollu li tirrappreżenta l-Ewropa li reġgħet bniet lilha nnifisha wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-gwerra li għaddejja bħalissa ġabet fuq quddiem nett kwistjoni ambjentali fundamentali marbuta mas-sorsi tal-enerġija tad-djar, l-ekonomija tad-dinja kollha u anke l-impatt li l-użu ta' dawn is-sorsi għandu fuq il-klima li żżomm il-ħajja fuq il-pjaneta tagħna kif nafuha. L-attakk fuq l-impjant nukleari ta' Zaporizhzhia, l-ikbar wieħed tat-tip tiegħu fl-Ewropa, minbarra li enfasizza l-fatt li l-"loġika" tal-gwerra ma għandha assolutament l-ebda sens, tefa' attenzjoni kbira fuq il-vulnerabbiltà tal-pjaneta kollha għar-riskji li ġġib magħha l-enerġija nukleari kemm fi żmien ta' gwerra u kemm ta' paċi.

F'dan l-isfond ikrah, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) tixtieq tipproponi raġġ ta' tama għall-ġejjieni iktar sostenibbli għal Malta għax jirrispetta l-bniedem u l-pjaneta.

## Inkunu serji dwar il-mixja lejn sorsi rinnovabbli ta' enerġija

L-appell prinċipali tal-KA lill-amministrazzjoni li se tmexxi l-pajjiż mill-aħħar ta' Marzu 'l quddiem hu li tagħmel l-isforzi kollha, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, biex Malta, l-Ewropa u d-dinja kollha jħallu warajhom b'mod deċiżiv l-użu ta' sorsi ta' enerġija li ġejjin mill-karburanti fossili (fossil fuels) u impjanti nukleari. Għal wisq snin il-pajjiżi kaxkru saqajhom biex issir il-bidla għal sorsi rinnovabbli ta' enerġija biex niġġieldu bis-serjetà l-bidla fil-klima. Jeħtieġ li l-pjani u l-impenn biex issir il-bidla għal sorsi rinovabbli ta' enerġija jiġu riveduti u jkunu implimentati b'mod rigoruż u serju. Dan iġib miegħu, fost oħrajn, impenn biex kulħadd fil-pajjiż ikollu aċċess

għad-‘drittijiet solari’, jiġifieri li l-bini li joqgħod fih ikollu aċċess b’xi mod jew ieħor għall-enerġija solari.

Il-KA tifhem li kwalunkwe sforz li Malta tagħmel biex tiġġieled il-bidla fil-klima mhuwiex biżżejjed biex issalva lilha nnifisha. L-istess jgħodd għal kull pajjiż fid-dinja. Għaldaqstant jeħtieġ li l-pajjiżi kollha tad-dinja jingħaqdu fi sforz wieħed b’impenn serju biex l-affarijiet jitranġaw. Il-bidla fil-klima ma tagħmilx differenza bejn l-Amerka u r-Russja, jew bejn Malta u Fiji. Fl-istess ħin, jista’ jagħti l-każ li l-ħafna diskors u diskussjonijiet f’Malta dwar il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima ikunu biss distrazzjoni biex ma titteħidx azzjoni deċiżiva li messha diġa` ttieħdet biex ikun salvagwardat l-ambjent naturali u biex l-ambjent urban ikun iktar denju li jgħixu n-nies fih. Iżda minkejja s-serjetà u l-urġenza li biha obbligati nqisu l-bidla fil-klima, din hija biss aspett wieħed, li jsawwar l-ambjent f’Malta u l-benessere tagħna.

**Meħtieġa konsultazzjoni pubblika vera dwar pjani ta’ żvilupp u policies ta’ ppjanar li jservu l-ġid komuni**

Minn meta Malta bdiet tinnegozja biex issir membru tal-Unjoni Ewropea sal-lum, fil-fora kollha tal-Unjoni Ewropea, Malta dejjem saħqet fuq l-argument, u tagħmel sew, li l-Unjoni m’għandhiex taddotta attitudni ta’ *one size fits all* meta tkun qed tfassal regolamenti jew direttivi. Sfortunatament, dan l-argument mhux dejjem ikun applikat f’Malta stess. Policies tal-ippjanar, u deċiżjonijiet ibbażati fuqhom, li jagħmlu sens f’lokalità waħda f’Malta qed jiġu applikati għal-lokalitajiet kollha bir-riżultat ta’ tmermir tal-ambjent fl-irħula u l-ibliet.

Kultant il-konsultazzjoni pubblika tista’ tkun waħda finta. Waqt li tkun għaddejja l-konsultazzjoni pubblika, interessi dojoq, żgħar jew kbar, ikunu qed jinnegozjaw mal-awtoritajiet fuq kif il-pjan ta’ żvilupp jew policy ta’ ppjanar għandhom ikunu finalizzati bl-awtoritajiet jaġixxu bħala paraventu għal dawn l-interessi. Meta niġu għall-fatti, l-amministrazzjoni l-ġdida lil xiex se tagħti prijorità? Lis-suġġerimenti li jkunu maħsuba biex iservu l-ġid komuni jew lit-tfesfis minn interessi li jkunu kkontribwew għall-kampanja elettorali? F’kampanja elettorali jsiru ħafna wegħdiet interessanti imma bħas-soltu, bħalma jgħidu bl-Ingliż “the devil is in the detail”. Id-dettall qatt ma jkun ippreżentat f’kampanji elettorali.

Flus li jkunu twiegħdu għal titjib ambjentali jispiċċaw jibbenefikaw minnhom iktar xi kuntratturi u interessi oħra li ma jservux ir-residenti u l-ġid komuni. L-ambjenti naturali u urban qed jitħassru mhux neċessarjament minħabba xi nuqqas ta’ investiment imma minħabba pjani u policies ħżiena. Il-ħsara ambjentali tieqaf jekk ikollna liġijiet, pjani u

policies li ma jirrekjedu l-ebda investiment iżda li, kruċjalment, ikunu msejsa fuq pariri li jkunu ħielsa minn kunflitt ta' interess li jingħataw lill-awtoritajiet u li dawn jippromovu b'mod sinċier il-ġid komuni. L-ispazji miftuħa u, fejn japplika, il-bijodiversità li jsostnu, qed ikunu sagrifikati biex jakkomodaw l-hekk imsejjaħ żvilupp. L-ebda ammont ta' tħawwil ta' siġar ma jista' jġib lura l-bijodiversità li tkun intilfet minn żvilupp irresponsabbli.

**Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati b'mod urġenti**

Il-KA tħares 'il quddiem biex, bħalma għamlet mit-twaqqif tagħha fl-2003, tippreżenta lill-amministrazzjoni l-ġdida, il-ħsibijiet tagħha dwar il-kawżi tal-ħsara fl-ambjent rurali u urban. Il-KA tistieden lill-amministrazzjoni l-ġdida biex, b'mod urġenti, minbarra li tiffoka fuq il-mixja lejn sorsi rinovabbli ta' enerġija:

1. Tirrevedi l-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED) u l-pjani lokali. Dawn ir-reviżjonijiet għandhom ikunu sostanzjati b'informazzjoni rigoruża. Dawn huma ż-żewġ pilastri tal-pjani ta' żvilupp li ma jkunux fil-headlines jew sound bites tal-politiċi. Madanakollu, dawn il-pjani, flimkien mal-policies tal-ippjanar u l-prattiċi ta' kif jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet ta' żvilupp, huma l-kawża ewlenija tat-tkerrieh ambjentali li jixxokkja liċ-ċittadini. Il-pjani lokali għandhom ikunu l-arbitru aħħari tal-għoli tal-bini f'kull triq fil-Gżejjer Maltin biex l-ambjent urban ikunu jista' jipprovdi kwalità ta' ħajja aħjar lir-residenti. Mhuwiex aċċettabli li għanqbuta sħiħa ta' policies oħra tal-ippjanar jimminaw dak li jkun ġie approvat fil-pjani lokali.

2. Twaqqaf milli jintużaw iktar il-kunċetti ta' 'aspettattiva leġittima' u 'preċedent' meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal żvilupp. Dawn iż-żewġ kunċetti m'għandhom l-ebda bażi fil-liġi tal-ippjanar u qed joħolqu żviluppi li jmorru kontra policies tal-ippjanar li mhumiex kompatibbli mal-ambjent ta' madwarhom.

3. Tippubblika r-reviżjoni tar-*Rural Policy and Design Guidance 2014*. Il-konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni ta' din il-policy għalqet f'Awwissu 2020. It-tkaxkir tas-saqajn fejn tidħol din ir-reviżjoni qed jippermetti li jsir iktar bini f'żoni 'il barra miż-żoni tal-iżvilupp anke jekk iż-żoni tal-iżvilupp ma ġewx estiżi b'mod uffiċjali.

4. Tirrevedi d-*Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015* li qed tagħmel ħerba mill-irdumijiet f'Għawdex.

5. Ikollha biżżejjed kuraġġ biex ma timxix ma’ wegħda elettorali jekk din il-wegħda, wara li jkunu saru l-istudji meħtieġa, tkun se twassal biex jitnaqqar il-ġid komuni.
6. Tieħu passi biex l-art agrikola fil-Gżejjer Maltin tingħata protezzjoni speċjali iktar minn dik li tgawdi llum.
7. Tressaq abbozz ta’ liġi fil-Parlament li permezz tagħha l-partiti politiċi jkunu finanzjati parzjalment mill-Istat u li l-membri parlamentari jkollhom ħlas xieraq li jnaqqsilhom il-ħtieġa li jduru fuq negozjanti u kuntratturi għal donazzjonijiet.

**Appell lill-votanti**

Il-Parlament għandu bżonn nies li jkollhom integrità, li jkunu ta’ sinsla u li kapaċi jisfidaw lill-partit tagħhom biex imexxi ’l quddiem il-ġid komuni. Dawn in-nies hemm bżonn li jkunu kemm fuq in-naħa tal-Gvern u kemm fuq in-naħa tal-Oppożizzjoni fil-Parlament. Il-KA tappella lill-votanti biex jivvutaw b’mod għaqli biex jiżguraw li l-ġid komuni jkun rispettat fil-leġislatura li jmiss.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**